u l-prożaturi li wittew it-triq bil-kitba tagħhom. Dan Dun Karm wettqu mill-bidu sal-aħħar tal-karriera tiegħu għax fil-versi tiegħu dejjem wera l-indipendenza u l-individwaliżmu nazzjonali tagħna simboleġġjati fl-ilsien u l-bandiera li hu qiem u weġġah fuq kollox u qabel kollox wara Alla.

L-ispiżjar K. Vassallo f'isem il-familja iżża ħajr lill-Onor. Ministri, lill-Akkademja, lis-Sur Ġ. Cardona, lill-Kappillan Farrugia, lil Dr. Cremona u lill-Familja Gauci Borda u fuq kollox lil Karmen Mikallef Buħaġar li ħarġet il-flus għall-irħama u wera kif din id-dar kienet marbuta ma' qalb Dun Karm u fiha ġarrab l-akbar hena u niket ukoll. Temm il-kelmtejn tiegħu billi talab lill-Prim Ministru biex jikxef il-Lapida.

Dr. Ġ. Borg Olivier qabel kixifha stqarr li ried f'isem il-Kabinett u l-Gvern Malti jingħaqad mal-Akkademja tal-Malti fil-qima lejn il-Poeta Nazzjonali Dun Karm, dak li tana ħafna poeżiji sbieħ u l-aktar għal qalbna l-Innu Malti. Imbagħad il-Kappillan qara bil-Malti t-talb tat-tberik u kif berikha ċ-ċerimonja ntemmet bil-kant ta' l-Innu Malti mill-Bniet ta' l-Iskola Primarja ta' Tas-Sliema.

Is-Sur Ġ. Cardona f'isem l-Akkademja irringrazzja lill-Onor. Prim Ministru u lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni tal-ġieħ tal-preżenza tagħhom u dawn l-Onorevoli sinjuri stqarrew li kien dmir tagħhom u kien jiddispjaċihom kieku ma attendewx għax intlaqtu mis-sinċerità tal-kliem li ntqal u mis-sentimenti patrijottiċi li Dun Karm kellu għal Malta.

*IL-PRESIDENT U KUNSILL TA'*

*"IL-GĦAQDA"*

*JIXTIEQU R-RIŻQ U L-HENA*

*LILL-MEMBRI U MSEĦBIN*

*F'IL-MALTI*

*MA' TUL IS-SENA L-ĠDIDA*

*TAL-1967*



# IL-HMAR TA' POLDU

*Ta'* N.N.

Fir-raħal ta' Picchisvarde kien hemm kunvent tar-rhieb, mibni matul it-triq ewlenija. F'nofs il-bini, knisja mdaqqsa sewwa, bil-bieb ta' barra għal fuq dik it-triq, bil-kmamar fuq u isfel minn naħa l-waħda u l-oħra tal-knisja.

Wara l-kunvent, għalqa kbira tagħhom, imdawra bi tliet ħitan għoljin. Mal-ħajt, in-naħa tal-lemin għal min iħares mill-bieb tas-sagrestija, kien hemm rixtellu tal-ħadid, li kien jagħti fil-għalqa. Matul dak il-ħajt, min-naħa ta' barra, kienet għaddejja triq ġejja mill-kampanja, u kienet ittemm fit-triq il-kbira.

Minn dik it-triq maġenb il-ħajt tal-għalqa, kull fil-għaxija, ma' nżul ix-xemx kien igħaddi Poldu, raġel ta' bejn is-60 u s-70, xi ftit milwi, b'idu l-waħda wara dahru jżomm ħabel, u fl-oħra kuruna, igħid ir-Rużarju. Il-ħabel twil u merħi li miegħu marbut ħmar. Fra Gaspru, il-ġennien kien jaf bih, u kien jarah għaddej kull fil-għaxija.

Fil-bidu tat-tieni ġimgħa ta' Ottubru Fra Gaspru beda jagħżaq il-għalqa biex jiżra' l-ful. Dak in-nhar li beda l-Gwardjan, Fra Stiefnu, għall-ħabta tat-tlieta u nofs niżel fil-għalqa, biex jieħu daqsxejn tan-nifs, u ra lill-Fra qed jagħżaq, u qallu: "Fra Gaspru, issa ma tarax dan ix-xogħol kollu tal-għażiq, għalqa bħal din, għax ma taħrathiex? U hekk f'jumejn tkun ħlistha!" — "Sewwa qed tgħid, imma bhima għall-moħriet ma għandniex!" — "Ara kif tikseb waħda".

Meta l-Gwardjan inġabar fil-kunvent Fra Gaspru mar fil-kċina u qabad sikkina daqshiex. Meta kien għad fadal daqs siegħa nhar il-Fra mar ibexxaq ir-rixtellu li kien infurrat bil-ħadid, u qagħad hemm igħarrex jistenna għaddej il-ħmar quddiem għajnejh. Malli wasal, Fra Gaspru joħroġ f'salt, jiftaħ sewwa l-bieba tar-rixtellu, jaqta' l-ħabel minn geddum il-bhima, jagħtiha daqqa ta' sieq, jimbuttaha għal ġewwa jarmi fil-għalqa s-sikkina, jaqbad f'idejh tarf il-ħabel, u jibda jimxi flok il-ħmar wara sidu.

X'ħin it-tnejn waslu biex jidħlu fit-triq il-kbira, Fra Gaspru waqaf, il-ħabel, li dejjem merħi, nġibed. Poldu ħares lura biex jara għaliex il-ħmar waqaflu, u ħaġa tal-għaġeb berraq għajnejh, tbegħren u nstamat, u lissen: "Dan kif, kif inhi dil-biċċa?" — "Ah jaħasra", qallu l-Fra, "kun af li jiena xi sentejn ilu kont għamilt fil-kunvent gażiba kbira, u l-Bambin, bħala kastig, biddilni fi ħmar. Fil-kunvent ma kellhomx jagħmlu bija u bigħuh lilek. Issa l-kastig spiċċali, u reġa' għamilni fi Fra li kont qabel". — "U issa x'se nagħmlu?", qal Poldu. — "La taqta' qalbek xejn, ħudni d-dar